MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2869/2002

**Carmel Scerri**

**vs**

**Karmenu Ellul**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija tlieta u tletin lira u hamsin centezmu (Lm333.50) danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tad-9 ta' Lulju 2002 gewwa Triq Hal Qormi, Luqa bejn il-vettura Subaru Vivio, bin-numru tar-registrazzjoni IBC 886 propjeta' tal-attur u l-vettura Toyota HI ACE, bin-numru tar-registrazzjoni LVY 084 misjuqa mill-konvenut Karmenu Ellul, liema ncident sehh**

**unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-23 ta' Dicembru, 2002, li fiha ntqal :**
**1. Illi l-incident meritu tal-kawza gara minghajr it-tort jew htija tal-esponent.**
**2. Illi l-esponent jirriserva illi jeccepixxi dwar l-kwantum mitlub mill-attur hekk kif l-ircevuti relattivi jkunu disponibbli.**
**3. Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Scerri, Mario Scerri, Karmenu Ellul, PC 1080 Ivan Scerri, Darren Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fid-9 ta' Lulju, 2002, ghall-habta ta' 11.45pm., fi Triq Hal Qormi bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBC-886 propjeta` tal-attur u li kienet misjuqa minn ibnu Mario Scerri, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LVY-084 misjuqa mill-konvenut.**
**2. L-incident sehh f'dik il-parti tat-triq principali, fejn fil-parti li taghti minn Hal Luqa ghal Hal Qormi, hemm dahla li taghti ghall-Express Trailers, u fejn hemm stop sign fit-triq principali qabel ma wiehed jaqbad ir-roundabout biex imur fid-dritt fid-direzzjoni ta' Hal Qormi, jew jikser fuq ix-xellug biex imur lejn Hal Farrug. It-triq minn fejn kienu ghaddejjin il-vetturi kienet wiesgha u tiehu zewg vetturi fl-istess direzzjoni, u ma hemmx linji jiddividu l-karreggati. It-triq hemm hi ghan-nizla.**
**3. L-attur kien niezel minn Hal Luqa fi triq Hal Qormi, gej mid-direzzjoni ta' Hal Luqa, u miexi fil-karreggata ta' gewwa. Darren Borg, passiggier ma' Scerri, xehed li Scerri xeghel l-indicator biex jikser lejn Hal Farrug. Skond l-attur meta gie biex jikser il-konvenut dahallu**

**minn naha ta' gewwa, u cioe il-fejn kien ser jikser, u sehhet il-kollizjoni.**

**4. Il-konvenut kien niezel ukoll fl-istess triq. Jghid li meta kien ftit il-fuq mir-roundabout hass daqqa fuq wara. Il-konvenut ra lill-attur fuq in-naha tar-roundabout u jammetti li qabzu minn gewwa. Skond il-konvenut l-attur kien miexi mas-centre strip. Il-konvenut jghid li ried imur dritt lejn Hal Qormi. Il-konvenut jghid li hu assuma li l-attur kien ser idur mar-roundabout**

**5. Ma jirrizultax li l-vetturi kienu ghaddejjin b'xi velocita` partikolari, anke jekk skond x-xhud Darren Borg il-konvenut kien ghaddej bis-sahha. Li kieku kien tassew ghaddej bis-sahha, il-vetturi ma kienux jispiccaw kif fil-fatt spiccaw, u d-danni kienu ikunu ferm akbar.**

**6. Ma jirrizultax li l-partijiet kellhom l-indicator mixghul. Jirrizultaw li kellhom d-dwal mixghulin.**

**7. Mill-provi mismugha jirrizulta illi f'dan il-kaz iz-zewg sewwieqa kienu jinstabu fil-karregata zbaljata ghall-manuvra li riedu jaghmlu. L-attur ried jikser il-karreggata li minnha kien gej il-konvenut, filwaqt illi il-konvenut ittanta jaqbez minn gewwa. Il-konsegwenza kienet illi malli l-attur kiser hekk kif ghaddej il-konvenut, laqat lill-konvenut fuq il-parti ta' wara tal-lemin, bil-mudguard tieghu ta' quddiem in-naha tax-xellug. Anke jekk l-attur ghamel senjalazzjoni li ser idur, ma giex pruvat li din is-senjalazzjoni kienet "timeous" kif titlob il-ligi, sabiex dak ta' wara jilhaq jinduna bil-manuvra li jrid jaghmel ta' quddiem. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal hu tal-fehma li ghall-incident kienu jahtu iz-zewg sewwieqa b'mod indaqs.**

**8. Bhala danni dawn jirrizultaw pruvati fl-ammont mitlub, u inkwantu l-attur kien responsabbli b'mod indaqs ghall-incident li sehh, il-konvenut jigi li ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' mija u sitta u sittin lira Maltita u hamsa u sebghin centezmu (Lm166.75).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib liz-zewg partijiet responsabbli f'mod ugwali ghall-incident li sehh, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u sitta u sittin lira Maltita u**

**hamsa u sebghin centezmu (Lm166.75) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------